

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Epsilon International SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 402, 31.10.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-24 ta' Ottubru 2018 – Grupo Orenes vs EUIPO –
Akamon Entertainment Millenium (Bingo VIVA! Slots)**

(Kawża T-63/17) (¹)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva Bingo VIVA! Slots — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti vive bingo — Raġuni relativa għal rifiut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Suġġett tat-tilwima")

(2018/C 445/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Grupo Orenes, SL (Murcia, Spanja) (rappreżentant: M. J. Sanmartín Sanmartín, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Akamon Entertainment Millenium, SL (Barcelona, Spanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Novembru 2016 (Każ R 453/2016-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Grupo Orenes u Akamon Entertainment Millenium.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Grupo Orenes, SL huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 95, 27.3.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-24 ta' Ottubru 2018 – Fernández González vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-162/17 RENV) (¹)

("Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanji — Artikolu 2(c) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg — Avviż ta' pożizzjoni vakanti li jikkonċerna impjieg bħala membru tal-persunal temporanju skont l-Artikolu 2(b) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg — Chid ta' kandidatura — Eċċeżżjoni ta' illegalità — Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg — Responsabbiltà — Telf ta' opportunità")

(2018/C 445/21)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Elia Fernández González (Brussel, il-Belġju) (rappreżentanti: M. Casado García-Hirschfeld u É. Boigelot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u L. Radu Bouyon, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

Suġġett

Talba abbażi tal-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2014 li tiċħad il-kandidatura tar-rikorrenti għall-pożizzjoni bħala membru tal-persunal temporanju kkonċernata mill-avviż ta' pożizzjoni vakanti COM/2014/2036 kif ukoll tad-Deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2015 li tiċħad l-ilment amministrattiv tar-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-14 ta' Novembru 2014 li tiċħad il-kandidatura ta' Elia Fernández González għall-pożizzjoni bħala membru tal-persunal temporanju kkonċernata mill-avviż ta' pożizzjoni vakanti COM/2014/2036 hija annullata.*
- 2) *Il-Kummissjoni hija kkundannata tħallas lil Elia Fernández González is-somma ta' EUR 12 000 flimkien mal-interessi moratorji mid-data ta' din is-sentenza sal-ħlas effettiv, b'rata fis-sena ugħali għar-rata ffissata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament, miżjudha b'żewġ punti perċentwali.*
- 3) *Ir-rikors huwa miċħud għall-kumplament.*
- 4) *Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 354, 26.10.2015 (Kawża inizjalment irreġISTRATA quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-Nru F-121/15 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-01.09.2016).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ottubru 2018 – Bayer vs EUIPO – Uni-Pharma (SALOSPIR)

(Kawża T-261/17)⁽¹⁾

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva SALOSPIR — Trade marks tal-Unjoni Ewropea figurattivi preċedenti li jirrappreżentaw strixxi ta' kuluri u nazzjonali preċedenti Aspirin — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Xebħ tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001) — Użu fil-kummerċ ta' sinjal li l-portata tiegħu ma hijiex biss lokali — Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(4) tar-Regolament 2017/1001)")

(2018/C 445/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Bayer AG (Leverkusen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: V. von Bomhard u J. Fuhrmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Folliard-Monguiral, S. Pétrequin u D. Walicka, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Uni-Pharma Kleon Tsetis, Farmaceutika Ergastiria AVEE (Kifisia, il-Greċċa) (rappreżentanti: C. Chrysanthis, P.-V. Chardalia u A. Vasilogamvrou, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EIUPO tas-17 ta' Frar 2017 (Każ R 2444/2017-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bayer u Uni-Pharma Kleon Tsetis, Farmaceutika Ergastiria.